Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 17/2016

**Romina Mifsud (appellanti)**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali (appellat)**

16 ta' Dicembru, 2016.

1. B'avviz tat-8 ta' Lulju, 2015 l-appellat gharraf lill-appellanti:

*"Inti gentilment infurmata li jirrizulta li thallast zejjed is-somma ta' EUR3,647.54 fil-ALLOWANCE TAT-TFAL li rcevejt minn dan id-Dipartiment ghall-perjodu minn 11.03.06 sa 03.07.15. Dan sar minhabba li l-kustodja ta' Dean kongunta".*

2. L-appellanti appellat mid-decizjoni quddiem l-Arbitru, li b'decizjoni tal-24 ta' Marzu 2016 cahad l-appell u ddecieda:

*"Hija ssottomettiet dokument datat 30 t'April 2015 li kien iffirmat miz-zewg partijiet fejn infurmat lid-Direttur Generali li l-kura u kustodja ta' Dean kienet wahda kongunta bejnha u bejn missier Dean u dan b'effett mit-8 ta' Marzu 2006.*

*L-Arbitru ra dan id-dokument u jirrizultalu li l-kura u kustodja tal-minuri Dean, skont din l-istess dikjarazzjoni, kienet kongunta bejnha u bejn missier Dean mis-sena 2006.*

*Id-Dipartiment sar jaf biha fl-2015 fuq insistenza tieghu li jsir jaf kif kienet il-kura u kustodja tal-minuri Dean u mhux ghaliex, l-appellanti kienet tat l-informazzjoni snin qabel, kif donnha qed tittanta tispjega fl-appell taghha.*

*Ghalhekk dan mhux kaz li d-Dipartiment tas-Sigurta Socjali ghamel xi zball izda agixxa hekk kif inghata l-informazzjoni mill-istess appellanti.*

*Waqt is-smigh l-Arbitru kkonfermat li d-dokument Dok. G, u cioe' d-dikjarazzjoni tal-appellanta u Elvin Magri (missier Dean) kienet verament taghha, billi kkonfermat il-firma taghha u d-dokument esebit.*

*Ghalhekk l-Arbitru m'ghandux dubju li d-Dipartiment sar jaf b'din id-dikjarazzjoni ta' kura u kustodja kongunta b'effett mit-8 ta' Marzu 2006 fl-2015 ghax kien hu li staqsa ghal prova dwar kura u kustodja. Mhux minnu li l-appellant kienet ilha s-snin li tat din l-informazzjoni ghaliex id-data ta' din id-dikjarazzjoni hija t-30 t'April 2015.*

*Ghaldaqstant, l-Arbitru qed jichad l-appell u jikkonferma d-decizjoni tad-Direttur Generali tas-Sigurta Socjali li minnha sar dan l-appell".*

3. L-appellanti appellat fejn issostni li kienet hi li matul is-snin kienet tiehu hsieb il-minuri u mhux il-missier. Meta ffirmat id-dikjarazzjoni tat-30 ta' April, 2016 fehemet li d-decizjonijiet importanti fuq it-tifel kienu qeghdin jittiehdu flimkien ghall-inqas dan l-ahhar, izda zgur li ma kinitx qeghda tfisser li l-kura tat-tifel kienet tat-tnejn jew li kienu qeghdin jaghmlu l-ispejjez tat-tifel ugwalment.

4. L-appellat wiegeb li l-provi kienu cari u ghalhekk id-decizjoni tal-Arbitru kienet korretta. Skont l-artikolu 76, l-allowance tithallas lill-kap tal-familja li ghandu l-kura u kustodja tal-minuri. F'dan il-kaz il-kura u kustodja kienet kongunta. Kemm il-missier u l-omm setghu japplikaw separatament ghall-allowance tat-tfal, u dan peress li kull wiehed minnhom hu kap tal-familja. Ukoll jekk il-missier ma kienx qieghed ighix mal-omm, skont l-artikolu 82(3) xorta hu ntitolat ghall-allowance tat-tfal. Il-konvivenza mhijiex mehtiega. Ladarba b'effett mit-8 ta' Marzu 2006 il-kura u kustodja tal-minuri saret kongunta, allura l-appellanti ma baqghetx intitolata ghar-rata shiha tal-allowance tat-tfal izda kienet intitolata ghal nofs ir-rata li kienet qed tircievi.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

5. L-appellanti u Elvin Magri kienu f'relazzjoni u fis-7 ta' Marzu 2004 twieled tifel minn din ir-relazzjoni. B'dikjarazzjoni notarili tat-8 ta' Marzu, 2006 Elvin Magri rrikonoxxa lill-minuri bhala ibnu. B'sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' April, 2009 cahdet appell ta' Elvin Magri minn sentenza tal-ewwel qorti li biha kien gie kkundannat ihallas is-somma ta' €200 kull xahar bhala manteniment ghall-minuri. M'hemmx prova li f'xi zmien kien hemm ordni ta' qorti li rregolat il-materja dwar kura u kustodja tal-minuri. Pero' rrizulta li fit-30 ta' April 2015 l-appellant u Elvin Magri ffirmaw dikjarazzjoni li taqra hekk:

*"Ahna hawn taht iffirmati, Mr Elvin Magri I.D. No: 144777(M), irregistrat bhala missier il-minuri Dean, u Mrs Romina Mifsud (nee Xerri) I.D. No: 245081(M), irregistrata bhala omm il-minuri Dean, niddikjaraw illi l-kura u kustodja ta' Dean hija wahda kongunta bejn il-partijiet. Dan b'effett mit-8 ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006)".*

6. L-Arbitru bbaza d-decizjoni tieghu fuq l-imsemmija dikjarazzjoni. Mid-deposizzjoni tal-appellanti jidher li d-dikjarazzjoni saret fuq inizjattiva ta' Elvin Magri. Probabilment Magri kellu skop ghalfejn talab lill-appellanti tiffirma dik id-dikjarazzjoni li fiha jinghad li l-kura u kustodja hi kongunta, *"… b'effett mit-8 ta' Marzu tas-sena elfejn u sitta (2006)"*. Ghalkemm fit-twegiba quddiem l-Arbitru qiesu jinghata x'jifhem li d-dikjarazzjoni saret fuq inizjattiva tal-appellanti, il-qorti ma taqbilx. Meta l-appellanti zzewwget u ghamlet applikazzjoni gdida flimkien mar-ragel taghha u ntalbet tikkonferma min ghandu l-kura u kustodja tal-minuri, ma kellha l-ebda htiega li toqghod tghid kif kienet il-kura u kustodja sa mit-8 ta' Marzu 2006. Mid-dokument stess jidher li sar fuq inizjattiva ta' Magri, tant li fil-parti ta' fuq hemm ismu, l-

indirizz tieghu u d-dikjarazzjoni hi ndirizzata lid-Direttur Generali (Sigurta Socjali).

7. Ghall-qorti, mill-provi hu evidenti li l-minuri kien qieghed ighix mal-appellanti. Kieku ma kienx hekk il-qorti ma kintix ser tikkundanna lil Elvin Magri li jhallasha €200 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri. Ordni li m'hemmx provi li nbidlet matul is-snin. Quddiem l-Arbitru l-appellanti stess xehedt li Magri kien ihallasha €200 fix-xahar bhala manteniment. L-ebda genitur mhu ser ihallas lill-manteniment ghall-wild jekk il-minuri ma jkunx qieghed jitrabba mill-genitur li lilu jithallas il-manteniment ghall-minuri.

8. Ghal finijiet tal-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318), l-appellanti hi kap tal-familja. Fatt mhux kontestat mill-appellat. Il-jedd ta' *children's allowance* hu tal-minuri. Tant hu hekk li l-Artikolu 76(1) tal-Kap. 318 jipprovdi li, ***"ghandu jkun id-dritt ta' kull tifel f'kull familja li jkollu allowance….."*** Ovvjament peress li jkun taht l-eta', il-hlas isir lill-kap tal-familja. Mill-provi li tressqu, inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Appell, il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-kura effettiva tal-minuri kienet sa mill-bidunett ghand l-appellanti. Dan irrispettivament ta' x'tghid id-dikjarazzjoni li l-appellanti ingenwament ffirmat, u li ma tirriflettix ir-realta'. Tant hu hekk li fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell jinghad, *"Il-partijiet ippruvaw jaslu f'arrangament dwar l-access ghat-tifel da parti tal-konvenut u hlas ta' manteniment mill-istess konvenut bhala l-kontribuzzjoni tieghu ghat-trobbija tal-istess minuri…. Il-konvenut appella ghax iqis li dawn il-figuri huma gholjin wisq; hu jaqbel li ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel, pero', jargumenta illi peress li jinsab dizokkupat m'ghandux ihallas is-somom indikat mill-ewwel Qorti"*. Ovvjament l-appellanti zbaljat meta ffirmat dikjarazzjoni bhal dik minghajr ma hadet parir, meta ma kinitx tirrifletti l-verita.

9. L-appellat ghamel riferenza ghall-artikolu 82(3) tal-Kap. 318. Il-qorti ma tarax kif dik id-disposizzjoni tapplika ghal dan il-kaz in kwantu qeghda tirreferi ghall-kura u kustodja effettiva, u d-decizjoni tal-appellat kienet bazata fuq il-fatt tal-kustodja kongunta tal-minuri. Pero' dak mhuwiex bizzejjed. Minkejja d-dikjarazzjoni li ffirmat l-appellanti, il-kura effettiva tal-minuri kienet sa mit-twelid ghand l-appellanti. Il-kustodja wahedha mhijiex bizzejjed ghall-applikazzjoni ta' subinciz (3) tal-artikolu 82. Il-ligi tirreferi **ghall-kura <u>u</u> kustodja effettiva**. Ghalhekk irid ikun hemm it-tnejn. F'dan il-kaz il-kura effettiva kienet dejjem ghand l-appellanti. Il-fatt li fil-weekend il-minuri jqatta' hin ma' missieru, ma jbiddel xejn. Il-kura tal-minuri xorta baqghet ghand l-appellanti.

10. Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghall-Artikolu 83 tal-istess ligi li jipprovdi:

*"Allowance imhallsa taht l-artikoli 76, 76A u 79 ma tibqax tithallas jekk il-kap tal-familja ma jkollux* ***<u>iktar il-kura tat-tifel</u>*** *jew tal-persuna li dwarhom l-allowance tkun qed tithallas jew*

*meta dik il-persuna tkun ghalqet it-tmintax-il sena jew fuqhom jekk dik il-persuna* ***ma tkunx normalment toqghod ma' dak il-kap tal-familja****"*.

L-appellat argumenta:

*"21. Illi l-artikolu 83 ma japplikax ghall-kaz prezenti ghaliex kif jidher mill-atti, missier it-tifel ghad ghandu kemm-il kura kif ukoll il-kustodja ta' ibnu. Meta f'kazijiet ohra, il-Qorti tal-Familja fid-digriet taghha specifikament ma afdtax kemm il-kura u kemm il-kustodja f'idejn iz-zewg genituri, l-appell tar-rikorrent seta' kien gustifikat, izda dan ma jirrizultax fil-kaz odjern"*.

Il-qorti ma taqbilx. Mill-provi rrizulta li minkejja dak li nghad fid-dikjarazzjoni tat-30 ta' April 2015, sa mit-twelid il-minuri kien qieghed fil-kura tal-appellanti, tant li gie kkundannat ihallas il-manteniment ghal ibnu. Dan ifisser li Elvin Magri ma seta **qatt** kien intitolat li jircievi xi allowance tat-tifel. Ghalhekk ghalkemm l-appellat isostni li *"... anke jekk il-konjugi, f'dan il-kaz missier it-tifel, ma jghixx mal-appellanta, xorta wahda jista' jkun intitolat ghall-allowance tat-tfal"*, dan mhuwiex korrett. Jekk il-minuri mhuwiex jitrabba mill-missier, kif gara f'dan il-kaz, bl-ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li l-minuri qieghed fil-kura tal-missier. Ghallinqas l-appellat ma ressaq l-ebda argument li jikkonvinci mod iehor lil din il-qorti.

**Konkluzjoni** – L-ebda rifuzjoni ta' allowance tat-tfal li thallset lill-appellant mhi dovuta lill-appellat, gialadarba l-appellanti rceviet dak li kien jispetta lill-minuri bhala *allowance* tat-tfal.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u thassar id-decizjoni tal-Arbitru tal-24 ta' Marzu 2016 u d-decizjoni tal-appellat li l-appellata ghandha tirrifondi lura xi hlas dwar l-allowance tat-tfal li rceviet fit-8 ta' Lulju, 2015. Ghaldaqstant l-ebda rifjuzjoni ta' flus mhi dovuta mill-appellata fir-rigward tal-allowance tat-tfal ghall-perjodu li jissemma fl-avviz li kien ta l-appellat.**

**L-ispejjez jibqghu bla taxxa minhabba li d-decizjoni tal-appellat ittiehdet minhabba dikjarazzjoni li ffirmat l-appellata u li ma kinitx tirrifletti l-verita.**

Anthony Ellul.